

Brussell, 6 ta' Mejju 2022  
(OR. fr)

8445/22

FIN 473  
INST 141  
PE-L 19

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                    |
|----------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Kumitat tal-Baġit                                                                                                  |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                      |
| Nru dok. Cion: | 8258/22                                                                                                            |
| Suġġett:       | Trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 11/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022 |

1. Fit-22 ta' April 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 11/2021, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju<sup>1</sup>.

L-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi trasferit ammont ta' EUR 52.2 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 74 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament mill-Artikolu 30 04 01 (*Riżerva ta' solidarjetà u għajjnuna ta' emerġenza*) għall-Artikolu 10 02 01 (*Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni*), kif irreġistrat fid-dokument 8258/22.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. It-trasferiment qed jiġi propost sabiex jiġu appoġġati s-sistemi tal-ewwel akkoljenza u reġistrazzjoni tal-Istati Membri l-aktar milquta mill-influss bla preċedent ta' refuġjati kkawżat mill-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF).
  3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' April 2022.
  4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
    - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 8258/22; u
    - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal din in-nota.
-

**ABBOZZ TA' ITTRA**

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

kopja : President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 11/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola ta' għeluq).

---

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).